MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 511/2008

**Joseph Ciscaldi**
**(ID 651941 M) ghan-nom u in rapprezentanza tal-Butterfly Garage**

**Vs**

**Darren Debono**
**(ID 560582 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta` Lulju, 2008, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ hames mija u tnejn u tmenin euro u erbgha u tletin centezmu (Euro582.34c), rapprezentanti valur ta` *excess damage waiver* li kellu jhallas l-attur meta l-vettura numru KAK 429 sfat involuta f’kollizjoni meta din kienet mikrija lill-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru numru 246/08 u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-attur ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-26 ta` Settembru, 2008, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` Euro582.34c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------